

Brussell, 23 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15782/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0311(COD)

SOC 815
ANTIDISCRIM 193
FREMP 341
TRANS 522
SPORT 59
CULT 166
CODEC 2216
IA 315

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità <i>- Approċċ ġenerali</i>

I. INTRODUEZZJONI

Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'dizabilità¹.

¹ Dok. 12755/23

Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tiżgura aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali u trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità matul soġġorni qosra fi Stati Membri oħra u, b'riżultat ta' dan, tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità. Tintroduċi Kard Ewropea tad-Diżabilità standardizzata bħala prova tad-diżabilità u Kard Ewropea għall-Parkeġġ standardizzata għall-persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità ("drittijiet tal-parkeġġ"). Hija inizjattiva ewlenija tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030² u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD).

Il-proposta tkopri diversi oqsma ta' politika u għalhekk tuża diversi bażijiet legali:

- l-Artikolu 53(1) TFUE u l-Artikolu 62 TFUE dwar is-servizzi pprovduti bi ħlas fis-suq intern;
- l-Artikolu 91 TFUE dwar is-servizzi fil-qasam tat-trasport, inkluż il-faċilitajiet tal-parkeġġ;
- l-Artikolu 21(2) TFUE għal attivitajiet u faċilitajiet li ma jaqgħux taħt it-terminu "servizzi", b'mod partikolari dawk l-attivitajiet u faċilitajiet mhux iprovduti bi ħlas.

Din ser tiġi nnegożjata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja prevista fl-Artikoli kollha msemmija hawn fuq.

Il-parlamenti nazzjonali tad-DK³ u l-PT⁴ ippreżentaw opinjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni.

² Dok. 6268/21
³ Dok. 15300/23
⁴ Dok. 15532/23

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta Opinjoni esploratorja dwar l-inizjattiva għal Kard Ewropea tad-Diżabilità⁵. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni ntalbet fit-28 ta' Settembru 2023, u għadha pendenti.

L-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ntalbet fit-28 ta' Settembru 2023, u għadha pendenti.

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu r-responsabbiltà ewlenija. Il-Parlament għadu ma ddeċidiex dwar il-pożizzjoni tiegħu.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI

Il-proposta ġiet eżaminata fid-dettall mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali matul l-aħħar tliet xhur⁶.

Matul in-negozjati, il-Presidenza għamlet bidliet fit-test biex issolvi t-tħassib espress mid-delegazzjonijiet. Ħafna mill-bidliet introdotti għandhom l-għan li jtejbu ċ-ċarezza rigward il-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tad-Direttiva u jakkomodaw id-diversità u l-partikolaritajiet tas-sistemi nazzjonali varjati fis-seħħ fl-Istati Membri.

Il-bidliet ewlenin jinkludu dawn li ġejjin:

1. Il-kunċett ta' "status ta' diżabilità" ġie ċċarat fit-test kollu, speċjalment fir-rigward tal-Istati Membri li ma għandhomx definizzjoni waħda ta' diżabilità.
2. Ġew introdotti żewġ eżenzjonijiet addizzjonali fl-Artikolu 2 biex jeskludu ċerti servizzi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

⁵ SOC/765, 27/04/2024.

⁶ Il-laqgħat saru fit-18 u l-25 ta' Settembru, fil-11 u t-12 ta' Ottubru, fit-30 ta' Ottubru u fl-10 ta' Novembru 2023.

3. Fl-interess taċ-ċertezza legali, ġiet miżjuda definizzjoni tat-terminu "soġġorn qasir" fl-Artikolu 3. Ġie miżjud l-Artikolu 2(2) biex jiċċara li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw id-Direttiva għal perjodi itwal minn soġġorn qasir.
4. Saru bidliet biex jiġi ċċarat aktar il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva, speċjalment fir-rigward tad-definizzjoni ta' benefiċjarji fl-Artikolu 4 u l-użu tal-ittra "A" li tista' tiżdied fuq il-Kard Ewropea tad-Diżabilità.
5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ u l-validità tal-kards fl-Artikoli 6 u 7 saru inqas preskrittivi. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha dejjem tinħareġ bħala kard fiżika u l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkomplementaw il-verzjoni fiżika b'format diġitali aċċessibbli.
6. Sabiex jiġi żgurat l-involviment attiv tal-Istati Membri fl-istabbiliment tal-format diġitali għaż-żewġ kards, l-Artikoli 6 u 7 issa jipprevedu li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni rilevanti ser jiġu stabbiliti permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Ġiet stabbilita skadenza għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.
7. It-terminu penali fl-Artikolu 14 gie sostitwit bit-terminu "miżuri xierqa".
8. Il-perjodu ta' traspożizzjoni biex jiġu adottati l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-konformità mad-Direttiva ġie estiż minn 18-il xahar għal 36 xahar. Il-perjodu ta' traspożizzjoni biex tiġi applikata d-Direttiva ġie estiż minn 30 xahar għal 48 xahar.
9. B'kont meħud tal-importanza tal-multilingwiżmu, it-test ġie emendat biex jippermetti lill-Istati Membri joħorġu kards bilingwi bl-użu tal-Ingliż u l-lingwa/i nazzjonali tagħhom.
10. It-test attwali jipprevedi l-inklużjoni ta' kodiċi QR fuq iż-żewġ kards, bħala l-aktar karatteristika diġitali effettiva li għandha l-għan li tindirizza l-frodi.

III. PROPOSTA TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

Fit-22 ta' Novembru, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess⁷ lill-Coreper, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill EPSCO fis-27 ta' Novembru 2023. Id-delegazzjonijiet kollha li tkellmu setgħu jappoġġaw il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza u l-ebda delegazzjoni ma opponietha. Il-Kumitat ġie infurmat ukoll dwar l-eżitu tal-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt, kif miġbur fil-qosor fl-Addendum għad-dokument 15463/23.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill (EPSCO) huwa mistieden jilħaq Approċċ Ġenerali dwar it-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati dwar il-fajl mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew.

⁷ Dok. 15463/23.

2023/0311 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni
b'diżabilità**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u 62, l-Artikolu 91 u l-Artikolu 21 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").
- (2) Fl-Artikolu 26 tal-Karta, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteciġazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.
- (3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqtaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ.
- (4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex daww li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu.
- (5) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCPRD)³, u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha li huma parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sal-firxa tal-kompetenzi tagħha. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCPRD u huma marbuta minnha wkoll sal-firxa tal-kompetenzi tagħhom.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

- (6) L-għan tal-UNCRRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità mingħajr ebda tip ta' diskriminazzjoni, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteciġazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità. Il-UNCRRPD tiddikjara li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma soġġetti għal għadd ta' forom ta' diskriminazzjoni, u għaldaqstant l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali minnhom tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha.
- (7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017⁴, jipprovdi li kulħadd, *inter alia* irrISPETTIVAMENT mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteciġaw fis-soċjetà (il-prinċipju 17).
- (8) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità") għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi billi telimina u ttiprevjeni l-ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibilità diverġenti fl-Istati Membri, b'hekk tikkontribwixxi għaż-żieda fid-disponibilità ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern, inkluż l-aċċess għal siti web u għal servizz ibbażat fuq apparat mobbli ta' ċerti servizzi pubbliċi⁶, u li ttejjeb l-aċċessibilità tal-informazzjoni rilevanti.

⁴ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

⁶ Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku għandha l-għan li ttejjeb l-aċċessibilità tas-siti web tal-korpi tas-settur pubbliku u tal-apps mobbli tagħhom.

- (8a) Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni jiggarantixxi wkoll id-drittijiet għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport u drittijiet oħra. Tali drittijiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għad-dritt li persuna tirċievi l-assistenza mingħajr ħlas għall-passiġġieri b'diżabilità u b'mobilità mnaqqa meta tivvjaġġa bl-ajru⁷, bil-ferrovija⁸, bil-mezzi tat-trasport marittimi⁹, jew bix-xarabank u bil-kowċ¹⁰. Id-dritt tal-Unjoni jippermetti wkoll lill-Istati Membri jipprevedu tariffi jew pedaġġi mnaqqa tat-toroq/pontijiet/mini kif ukoll eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu tali tariffi jew imposti għall-utenti għal kwalunkwe vettura użata minn jew proprjetà ta' persuni b'diżabilità fir-rigward ta' toroq soġġetti għal tariffi fuq it-toroq¹¹.
- (9) Il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tagħhom. Kull Stat Membru għandu proċedura ta' valutazzjoni tad-diżabilità li tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' applikant, huma jistgħu joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tal-applikant. Xi Stati Membri ma għandhomx definizzjoni waħda ta' status ta' diżabilità, li tista' twassal għar-rikonoxximent ta' livelli differenti ta' diżabilità. F'dawk l-Istati Membri, l-intitolamenti għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità jew kriterji oħra jistgħu jintużaw meta jingħataw servizzi jew benefiċċji lil persuni b'diżabilità.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

⁹ Ir-Regolament (UE) 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaq fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 69/1, 4.3.2022, p.1).

- (10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu. Dan huwa partikolarment il-każ għal soġġorni qosra jew żjarat fi Stat Membru ieħor skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/38/KE, li tipprevedi li jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikollhom id-dritt li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur mingħajr ma jkunu soġġetti għal ebda kundizzjoni jew formalità għajr ir-rekwiżit li jkollhom karta tal-identità jew passaport validu. Għal perjodi itwal minn tliet xhur, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38/KE jirrikjedi li jiġu ssodisfati kundizzjonijiet addizzjonali u, f'dan il-każ, l-Istat Membru ospitanti jista' jirrikjedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni jirreġistraw mal-awtoritajiet rilevanti.
- (11) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ħliet fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom id-diżabilità tagħhom ivvalutata u rikonoxxuta formalment mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom, jew deċiżjoni dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.
- (12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut jew b'intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejha jew li jżuru, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fl-Istat Membru ospitanti sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk.

- (13) F'dan il-każ, il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' persuni b'diżabilità li għandhom ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus tad-diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejha jew iżuruh.
- (14) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-istatus tad-diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dan jistgħu jkunu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, joħloq inċertezza għalihom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.
- (15) Flimkien ma' ostakli u limitazzjonijiet fl-aċċessibilità fl-ispazji pubbliċi kif ukoll privati, l-ispejjeż għoljin huma fattur ewlieni li jiskoraġġixxi lil ħafna persuni b'diżabilità milli jivvjaġġaw¹², minħabba li għandhom ħtiġijiet speċifiċi u jistgħu jirrikjedu wkoll persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inkluż dawk rikonoxxuti bħala assistent(i) personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, jew li jagħmlu użu minn annimali ta' assistenza, u dan jagħmel il-kostijiet tal-ivvjaġġar tagħhom oġġla minn dawk għall-persuni mingħajr diżabilità¹³. In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fi Stati Membri oħra jista' jillimita l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess liberu jew tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali u dan għandu impatt fuq il-kostijiet, il-ħajja u l-għażliet tal-ivvjaġġar tagħhom.

¹² Sejbiet mir-Rapport Finali bbażati fuq Stħarriġ immirat lejn l-OSĊ fil-livell tal-UE; Shaw u Coles, "Disability, holiday making and the tourism industry in the UK: a preliminary survey" (Id-diżabilità, il-vaganzi u l-industrija tat-turiżmu fir-Renju Unit: stħarriġ preliminari), 25(3) Tourism Management (2004) 397-403; Eugénia Lima Devile u Andreia Antunes Moura (2021), Travel by People With Physical Disabilities: Constraints and Influences in the Decision-Making Proċess (L-Ivvjaġġar minn Persuni b'Diżabilità: Restrizzjonijiet u Influwenzi fil-Proċess tat-Teħid ta' Deċiżjonijiet).

¹³ McKercher u Darcy (2018), Re-conceptualizing barriers to travel by people with disabilities, Tourism Management Perspectives (Rikunċettwalizzazzjoni tal-ostakli għall-ivvjaġġar minn persuni b'diżabilità, Perspettivi tal-Ġestjoni tat-Turiżmu), 59-66.

- (16) It-trattament preferenzjali (bħall-ghajjnuna personali, l-aċċess prijoritarju, il-possibbiltà li persuna ma tistenniex fi kju, eċċ.) offrut bi ħlas jew mingħajru jista' jkun importanti għall-persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jaċċessaw diversi servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet u biex ikunu jistgħu jesperjenzawhom aħjar. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent, fl-Istat Membru li huma jżuru jew jivvjaġġaw lejha, tal-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu dan maħruġa fi Stati Membri oħra, il-persuni b'diżabilità jistgħu ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċjali jew mit-trattament preferenzjali offrut mill-operaturi privati jew mill-awtoritajiet pubbliċi f'dak l-Istat Membru lid-detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, ta' kard tad-diżabilità jew ta' kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità maħruġ hemmhekk.
- (17) Il-Proġett Pilota dwar il-Kard tad-Diżabilità tal-UE mniedi fl-2016 u li twettaq fi tmien Stat Membri wera b'mod ċar il-vantaġġi għall-persuni b'diżabilità fl-aċċess għas-servizzi fl-oqsma tal-kultura, id-divertiment, l-isport, u f'xi każijiet it-trasport, u fl-appoġġ tal-moviment transfruntier tagħhom fl-UE għal perjodu qasir.¹⁴ Barra minn hekk, dan inkluda eżempji oħra ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità.
- (18) Abbażi tal-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw għal kard għall-parkeġġ mal-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għall-ħruġ ta' kard għall-parkeġġ għall-persuna b'diżabilità li tirrikonoxxi d-dritt għal ċerti kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità. Kull Stat Membru għandu fis-seħħ proċedura ta' applikazzjoni, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, biex tinkiseb kard għall-parkeġġ minn persuna b'diżabilità (jew il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħininu inkluż l-assistent(i) personali) u kriterji li jridu jiġu ssodisfati sabiex ikunu eliġibbli.

¹⁴ Ara wkoll ir-Rapport Finali tal-Istudju li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati, ippubblikat f'Mejju 2021, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/4adbe538-0a02-11ec-b5d3-01aa75ed71a1/language-mt>.

- (19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE¹⁵ pprevediet mudell Ewropew ta' kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, li ffaċilita r-rikonoxximent tal-kard għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħha u l-inklużjoni ta' żidiet jew devjazzjonijiet speċifiċi nazzjonali mill-mudell irrakkomandat wasslu għal varjetà ta' kards differenti. Dan ifixkel ir-rikonoxximent transfruntier tal-kards madwar l-Istati Membri, u jxekkel l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ ipprovduti u l-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' kard għall-parkeġġ fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' diġitalizzazzjoni li qegħdin isiru bħalissa. L-Istati Membri jesperjenzaw ukoll problemi ta' frodi u falsifikazzjoni tal-kards, peress li l-format normalment huwa pjuttost sempliċi u faċilment falsifikat u fil-prattika differenti f'kull Stat Membru, u dan jagħmilha diffiċli li jiġi vverifikat. Peress li l-koleġiżlaturi jadottaw regoli legalment vinkolanti li huma aktar dettaljati f'dan il-qasam, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma għadhiex tilħaq dawn l-oġettivi. Konsegwentement, l-Istati Membri jistgħu jippermettu kards maħruġa qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, biex ikollhom l-istess effett bħall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ fit-territorju tagħhom.
- (20) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali relatati ma' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, fi Stati Membri oħra, l-ostakli u d-diffikultajiet li jifdal fl-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew fiż-żjara tiegħu minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu dan fi Stati Membri oħra u d-drittijiet tal-parkeġġ jenħtieġ li jitneħħew.

¹⁵ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25), kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43, 7.3.2008).

- (21) Għalhekk, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju minn persuni b'diżabilità, meta jivvjaġġaw lejn jew meta jżuru Stat Membru ieħor għal soġġorn qasir, tad-drittijiet ta' aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offruti mill-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fuq l-istess bażi bħall-persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu tat-trasport u li jsir użu mill-kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq l-istess bażi bħal f'dak l-Istat Membru, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus rikonoxxut tad-diżabilità jew tal-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut jew intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità għal perjodi itwal minn soġġorn qasir, inkluż fil-kuntest ta' programmi ta' mobilità tal-UE.
- (22) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jiffaċilita u jiggarrantixxi lill-persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut jew intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità fi Stat Membru, aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offruti minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll aċċess għall-kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk previsti abbażi ta' ċertifikati nazzjonali, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus tad-diżabilità, fejn jeżistu tali dokumenti formali, u l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ospitanti.

- (23) Minbarra l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ, is-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet koperti minn din id-Direttiva jikkonċernaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu, inklużi attivitajiet bla ħlas, mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-operaturi privati, jew fuq bażi obbligatorja (abbażi ta' regoli nazzjonali/lokali jew obbligi legali) iżda ta' spiss ukoll fuq bażi volontarja (b'mod partikolari minn operaturi privati) f'varjetà ta' oqsma ta' politika.
- (24) Kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali jistgħu jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, aċċess mingħajr ħlas, tariffi jew pedaqġi mnaqqsa għal toroq/pontijiet/mini, aċċess prijoritarju, siġġijiet deżinjati f'parks u żoni pubbliċi oħra, siġġijiet aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, annimali ta' assistenza, assistenza fil-bajjiet għall-inżul fl-ilma, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo, interpretar bil-lingwa tas-sinjali), għotjiet ta' għajnuna jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati aċċessibbli, l-użu ta' skuter għall-mobilità fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji għaċ-ċiklisti mingħajr ma jingħataw multa, eċċ. Il-kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ jistgħu jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, parkeġġ estiż jew spazji ta' parkeġġ riżervati, kif ukoll aċċess għal żoni fejn it-traffiku huwa ristrett għal vetturi speċifiċi f'konformità mal-liġi nazzjonali, bħal żoni b'emissjonijiet baxxi. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bil-ferrovija, bil-mezzi tat-trasport marittimi, jew bix-xarabank u bil-kowċ¹⁶, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, l-annimali ta' assistenza, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jgħinu lill-persuni b'diżabilità (jew b'mobilità mnaqqsa) jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew bi prezz irħas u jpoġġu, fejn ikun possibbli, ħdejn il-persuna b'diżabilità.

¹⁶ Ara n-noti 7 sa 10 f'qiegħ il-paġna.

- (25) Il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fi Stat Membru għandu jiġi ddeterminat minn din id-Direttiva flimkien mal-proċeduri u l-kompetenzi applikabbli ta' dak l-Istat Membru għall-valutazzjoni u r-rikonoxximent tal-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, u d-drittijiet tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċedura u/jew il-kostijiet għall-ħruġ jew it-tiġdid tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ma jżommux jew jiskoraġġixxu lill-persuni b'diżabilità milli jakkwistaw il-kards.
- (26) Minbarra l-format fiżiku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu kard diġitali, u jistgħu jipprevedu format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, meta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu ġew stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li tali speċifikazzjonijiet jibnu fuq l-esperjenza tal-ħidma fil-passat u li għaddejja fil-livell Ewropew dwar id-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati u tad-dokumenti, bħaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità permezz tal-kartiera tal-identità diġitali fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li l-persuni b'diżabilità jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard fiżika inkella l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, jew it-tnejn li huma. Fl-Istati Membri fejn il-verzjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità hija kkomplementata minn format diġitali, il-persuni b'diżabilità jistgħu jitolbu l-kard fiżika u, jekk ikunu jixtiequ, kemm il-kard diġitali kif ukoll dik fiżika.

- (27) Il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, inkluż b'mod partikolari d-data dwar l-istatus ta' diżabilità tad-detentur tal-kard, li tikkostitwixxi "data dwar is-saħħa" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(15) tar-Regolament (UE) 2016/679¹⁷ u hija kategorija speċjali ta' data personali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679. Meta jittrasponu din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tinkludi salvagwardji xierqa applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali, b'mod partikolari kategoriji speċjali ta' data personali. L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw ukoll is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva.
- (28) L-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkun dak fejn il-persuna hija abitwalment residenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u rċeviet il-valutazzjoni tal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament tagħha għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità. Id-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-kards matul iż-żjara tagħhom fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.
- (29) [...]

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (30) Il-qafas previst għar-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ma jaffettwax il-kompetenzi ta' Stat Membru li jivvaluta u li jirrikonoxxi l-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, u li jagħti kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità, inkluż dawk li jagħmlu użu minn annimali ta' assistenza, u/jew persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inkluż l-assistent(i) personali. Ma jimponix obbligu fuq l-entitajiet pubbliċi jew l-operaturi privati biex jintroduċu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità, u lanqas ma joħloq lista ċentralizzata tal-UE ta' kundizzjonijiet speċjali u trattament preferenzjali għad-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità madwar l-Istati Membri. L-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati jistgħu jagħżlu wkoll li joffru ċerti kundizzjonijiet speċjali u trattament preferenzjali biss lil grupp speċifiku ta' persuni b'diżabilità, skont il-ħtiġijiet ta' dak il-grupp speċifiku.
- (30a) Din id-Direttiva ma tapplikax għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009, il-benefiċċji fi flus jew in natura fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-impjiegi, jew l-assistenza soċjali koperta mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸. Peress li l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiffaċilita l-aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew iżuru Stat Membru ieħor għal soġġorn qasir, din id-Direttiva lanqas ma tapplika għal benefiċċji speċjali jew trattament preferenzjali għall-inklużjoni, l-abilitazzjoni jew ir-riabilitazzjoni fit-tul ta' persuni b'diżabilità, u għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-aċċess għal servizzi speċifiċi li jiġu pprovduti meta jiġu ssodisfati kriterji addizzjonali, inkluż it-twettiq ta' valutazzjoni individwali speċifika jew deċiżjoni speċifika dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità.

¹⁸ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

- (31) Sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali, waqt l-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew waqt żjara fih, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattiki, u l-proċeduri applikabbli biex tinkiseb il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku f'dokument ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.
- (31a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipromwovu l-għoti ta' kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għal persuni b'diżabilità minn awtoritajiet pubbliċi jew operaturi privati. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew mezzi adatti oħra, f'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. Jenħtieġ li l-operaturi privati li jagħtu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lill-persuni b'diżabilità jiġu mħeġġa wkoll jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku f'formati ċari, komprensivi, faċli għall-utent u aċċessibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tinkludi f'sit web, disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE, informazzjoni rilevanti dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, f'formati aċċessibbli. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu l-link għas-sit web nazzjonali tagħhom li għandu jiġi inkluż fis-sit web imsemmi hawn fuq.
- (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, kif adatt u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jieħdu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu kwalunkwe riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi fir-rigward tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni ta' dawn il-kards.

- (33) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex tissupplimenta d-Direttiva biex temenda l-Annessi I u II sabiex timmodifika l-kampijiet tad-data tal-format standardizzati li jinsab fl-Annessi I u II fejn tali modifiki jkunu meħtieġa, sabiex tadatta l-format għall-iżviluppi tekniċi, tipprevjeni l-falsifikazzjoni u l-frodi jew tindirizza l-abbuż jew l-użu ħażin u tiżgura l-interoperabbiltà.
- (34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-format diġitali aċċessibbli tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, u l-format diġitali aċċessibbli tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jikkomplementaw il-verżjoni fiżika tagħha b'verżjoni diġitali, kif ukoll fir-rigward tal-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-elementi ta' sigurtà u dawk diġitali, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, tal-verżjoni fiżika tal-kards. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹.
- (34a) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fit-tnejn ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta wkoll lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fejn tali atti jkunu ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (35) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u għalhekk jenħtieġ li jistabbilixxu rimedji xierqa, inkluż kontrolli dwar il-konformità u l-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji, biex jiggarantixxu li l-persuni b'diżabilità, il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inkluż l-assistent(i) personali, kif ukoll il-korpi pubbliċi jew ir-rappreżentanti tagħhom, l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu fl-iżgurar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni f'isem persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, f'konformità mad-dritt jew proċeduri nazzjonali.
- (36) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa f'każ ta' ksur jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u d-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Miżuri xierqa jistgħu jinkludu sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji, bħal twissijiet, multi jew il-ħlas ta' kumpens, kif ukoll tipi oħra ta' penali.
- (37) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità biex jibbenefikaw minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Karta.
- (38) Peress li l-oġġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tikkontribwixxi għal-libertà ta' moviment ta' persuni b'diżabilità u li ttejjeb il-possibiltajiet għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stati Membri oħra, u b'hekk tiġġieled id-diskriminazzjoni kontrihom, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq dak l-oġġettiv,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi:

- (a) ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità bħala prova, rispettivament, ta' status ta' diżabilità jew prova tal-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, jew ta' dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati s-soġġorni qosra ta' persuni b'diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu huma residenti, billi jingħataw aċċess għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, jew il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ offruti jew riżervati lil persuni b'diżabilità, inkluż dawk li jużaw annimali ta' assistenza, jew lil persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inkluż l-assistent(i) personali tagħhom;
- (b) mudelli komuni għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ u għas-sitwazzjonijiet kollha fejn jiġu offruti kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi lil persuni b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet li ġejjin, fil-kuntest ta' soġġorn qasir:
 - servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 57 TFUE,
 - servizzi tat-trasport tal-passiġġieri,
 - attivitajiet u faċilitajiet oħra, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal perjodi itwal minn soġġorn qasir għad-detenturi tal-kard li jkunu fuq żjara jew f'soġġorn fit-territorju tagħhom.
3. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:
 - (a) beneficiċċji fil-qasam tas-sigurtà soċjali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009;
 - (b) beneficiċċji kontributorji jew mhux kontributorji fi flus kontanti jew f'benefiċċji in natura fil-qasam tal-protezzjoni soċjali jew tal-impjieġ;
 - (c) assistenza soċjali koperta mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE;
 - (d) servizzi remunerati jew mhux remunerati li huma pprovduti għall-inklużjoni, l-abilitazzjoni jew ir-riabilitazzjoni fit-tul ta' persuni b'diżabilità;
 - (e) kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-aċċess ta' servizzi speċifiċi pprovduti lil persuni b'diżabilità hekk kif jissodisfaw il-kriterji addizzjonali, inkluż it-tweqqif ta' valutazzjoni individwali speċifika jew deċiżjoni speċifika dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità.

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni u r-rikonossiment tal-istatus tad-diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, jew għall-għoti tad-dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità. Ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li joħorġu fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità, inkluż deċiżjoni dwar l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità.
5. Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenzi nazzjonali li jingħataw jew li jkunu meħtieġa li jingħataw benefiċċji speċjali jew kundizzjonijiet preferenzjali speċifiċi, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità, inkluż dawk li jużaw annimali ta' assistenza u, fejn previst, għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inkluż l-assistent(i) personali tagħhom.
6. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li l-persuni b'diżabilità jew il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inkluż l-assistent(i) personali tagħhom, jistgħu jirriżultaw minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali li jimplementa d-dritt tal-Unjoni, inkluż dawk li jagħtu benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali, jew trattament preferenzjali.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "ċittadin tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru;
- (b) "membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni" tfisser membru tal-familja fit-tifsira tal-Artikoli 2(2) u 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE;
- (c) "persuni b'diżabilità" tfisser persuni li jkollhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxu ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor;
- (d) "assistent personali" huwa persuna li takkumpanja jew li tgħin lil persuni b'diżabilità li hija rikonoxxuta f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali bħala tali;
- (e) "kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali" tfisser kundizzjonijiet speċifiċi, inkluż dawk relatati mal-kundizzjonijiet finanzjarji, jew trattament differenzjat relatat mal-assistenza u l-appoġġ offruti lill-persuni b'diżabilità u/jew, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inkluż l-assistent(i) personali jew l-animali ta' assistenza rikonoxxuti f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali bħala tali, irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali;
- (f) "kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ" tfisser kwalunkwe spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali kif ukoll benefiċċji assoċjati ta' parkeġġ għal, jew kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija lil, persuni b'diżabilità, irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali;
- (g) "soġġorn qasir" tfisser żjara jew soġġorn fi Stat Membru ieħor ta' mhux aktar minn tliet xhur;
- (h) "animal ta' assistenza" tfisser animal li jipprovdidi assistenza jew iwettaq kompiti għall-benefiċċju ta' persuna b'diżabilità f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali.

Artikolu 4

Benefiċjarji

Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

- (a) Iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom l-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità li jkun rikonoxxut mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, inkluż fejn applikabbli, permezz ta' ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, li jistgħu jkunu akkumpanjati jew assistiti minn persuna jew, fejn meħtieġ, diversi persuni oħra inkluż assistent(i) personali, jew minn annimali ta' assistenza, kif jista' jiġi indikat bl-ittra "A" fuq il-Karta Ewropea tad-Diżabilità tagħhom. L-ittra "A" tista' tiżdied ukoll għal persuni b'diżabilitajiet bi ħtieġa akbar għal appoġġ, skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali.
- (b) Iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità jkunu rikonoxxuti mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, inkluż fejn applikabbli, permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, li jistgħu jkunu akkumpanjati jew assistiti minn persuna jew, fejn meħtieġ, diversi persuni oħra inkluż assistent(i) personali.

Aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi tad-diżabilità f'dak l-Istat Membru, fejn tali dokument formali jkun jeżisti, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).
2. [...]
3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inkluż assistent(i) personali, jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-animali ta' assistenza, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż l-assistent(i) personali jew l-animali ta' assistenza tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;

Artikolu 5a

Aċċess ugwali għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ maħruġa f'dak l-Istat Membru.
2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inkluż assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lil tali persuna/i meta jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż l-assistent(i) personali tad-detentur ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

KAPITOLU II

IL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ U L-KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Artikolu 6

Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat u aċċessibbli komuni li jinsab fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu elementi diġitali fil-kards fiżiċi b'mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, fi żmien raġonevoli wara li r-rekwiżiti jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(1). Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(1) sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.
3. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva. L-awtorità jew il-korp kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandhom jitqiesu bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollhom ir-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.

4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fi żmien raġonevoli f'konformità mal-prattiki nazzjonali għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità.
5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata b'format diġitali aċċessibbli fi żmien raġonevoli wara li r-rekwiżiti jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(2). Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jitolbu jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma. Il-format diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista fil-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I. Id-data personali għandha tkun kriptata u għandu jkun hemm fis-seħħ prekawzjonijiet tekniċi biex jiġi żgurat li l-mezz tal-ħżin jinqara biss minn utenti awtorizzati.
6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa għandha tiġi ddeterminata mill-Istat Membru emittenti b'kont meħud, fejn applikabbli, tat-tul ta' żmien taċ-ċertifikat tad-diżabilità, tal-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument jew proċedura formali oħra li tirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi maħruġa mill-awtorità jew il-korp kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex timmodifika l-oqsma tad-data tal-format standardizzati li jinsab fl-Anness I fejn tali modifika tkun meħtieġa biex tadatta l-format għal żviluppi tekniċi, tipprevjeni l-falsifikazzjoni u l-frodi jew tindirizza l-abbuż jew l-użu ħażin u tiżgura l-interoperabbiltà. L-Istati Membri għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jimplementaw it-tali modifiki.

Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità skont il-format standardizzat komuni li jinsab fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jintroduċu elementi diġitali fil-kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, fi żmien raġonevoli wara li l-Kummissjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(1). Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(1) sa [*sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].
2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.
3. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħroġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva. L-awtorità jew il-korp kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandhom jitqiesu bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.

4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità jew minn persuna awtorizzata, skont id-dritt nazzjonali. Għandha tinħareġ jew tiġġedded fi żmien raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni, li ma għandux jaqbeż id-90 jum, sakemm ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' valutazzjonijiet addizzjonali.
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'dizabilità²⁰ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali mat-talba għall-ħruġ tagħha u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Matul dan il-perjodu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu kards maħruġa qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, sabiex ikollhom l-istess effett bħall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ fit-territorju tagħhom.

²⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovacka, ĠU L 63/43, 7.3.2008.

6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkomplementaw il-kard fiżika b'format diġitali aċċessibbli fi żmien raġonevoli wara li r-rekwiżiti jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(2). Fl-Istati Membri fejn il-kard fiżika hija kkomplementata minn format diġitali, il-persuni b'diżabilità jistgħu jitolbu l-kard fiżika, u jekk jixtiequ, kemm il-kard diġitali kif ukoll dik fiżika. Il-format diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fl-Anness II. Id-data personali għandha tkun kriptata u għandu jkun hemm fis-seħħ prekawzjonijiet tekniċi biex jiġi żgurat li l-mezz tal-ħżin jinqara biss minn utenti awtorizzati.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex temenda l-Anness II sabiex timmodifika l-oqsma tad-data tal-format standardizzati li jinsab fl-Anness II fejn tali modifika tkun meħtieġa biex tadatta l-format għal żviluppi tekniċi, tipprevjoni l-falsifikazzjoni u l-frodi jew tindirizza l-abbuż jew l-użu ħażin u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali. L-Istati Membri għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jimplementaw it-tali modifiki.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 8

Speċifikazzjonijiet tekniċi u format diġitali komuni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jiżguraw is-sigurtà u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tal-elementi diġitali tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, inkluż il-miżuri ta' sigurtà xierqa għad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, kif ukoll il-kwistjonijiet tal-interoperabbiltà, bħall-applikazzjonijiet komuni fl-UE għall-qari tad-data li jkun fihom l-elementi diġitali fil-kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-formati diġitali aċċessibbli għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, bl-oqsma tad-data li jinsabu fl-Anness I u fl-Anness II, u tiżgura l-interoperabbiltà.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-mezz ta' ħżin tal-kard diġitali, għal kwistjonijiet bħall-verifika tal-validità tal-kards u n-numru tagħhom, għall-kontroll tal-awtentiċità tagħhom, għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni u l-frodi, tal-qari tal-kard(s) bejn l-Istati Membri, għall-użu tagħhom f'kartiera tal-identità diġitali fil-livell tal-UE.
4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Artikolu 9

Is-sorveljanza, il-konformità, l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard tal-UE tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jissensibilizzaw lill-pubbliku u jinfirmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.
- 2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippromwovu u jinfirmaw lill-persuni b'diżabilità dwar l-għoti ta' kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għal persuni b'diżabilità minn awtoritajiet pubbliċi u operaturi privati.
3. L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, kif xieraq u skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.
4. [...]
5. F'każ li jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom, fejn raġonevoli, jieħdu passi biex jinfirmaw l-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mad-dritt jew Prattiki nazzjonali.

6. L-Istati Membri għandhom iwettqu, kif xieraq, kontrolli dwar il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Kard tal-UE tad-Diżabilità jew mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u mad-drittijiet korrispondenti tal-persuni b'diżabilità li jkollhom dawk il-kards, inkluż fir-rigward ta' annimali ta' assistenza, u l-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inkluż l-assistent(i) personali tagħhom.
7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-siti web uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Artikolu 10

Awtoritajiet kompetenti, korpi u punti ta' kuntatt

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità jew awtoritajiet kompetenti, jew korp jew korpi kompetenti responsabbli għall-ħruġ, it-tiġdid u l-irtirar tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.
2. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ punt(i) ta' kuntatt nazzjonali sabiex jiffaċilitaw id-djalogu bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-punt(i) ta' kuntatt.
3. [...]

KAPITOLU IV

SETGĦAT DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 11

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 7(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 6(7) u l-Artikolu 7(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 7(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejr in joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva.
2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:
 - (a) dispożizzjonijiet li bihom il-persuni b'diżabilità jistgħu jieħdu azzjoni skont id-dritt nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'każ ta' nuqqas ta' konformità jew ksur tal-obbligi stipulati f'din id-Direttiva u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw din id-Direttiva;
 - (b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom wieħed jew aktar mill-korpi li ġejjin, kif iddeterminat mid-dritt nazzjonali, jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għal persuna b'diżabilitajiet filwaqt li jipproteġu d-drittijiet tagħha, bl-approvazzjoni tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva:
 - korpi pubbliċi jew ir-rappreżentanti tagħhom;
 - assoċjazzjonijiet privati, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li għandhom interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 14

Nonkonformità

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri xierqa f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali, li japplikaw għan-nonkonformità ma' jew ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu implementati.
2. Il-miżuri previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jkunu akkumpanjati minn azzjoni ta' rimedju effettiva.
3. [...]

Artikolu 15

Aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.
 - 1a. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu wkoll lill-operaturi privati biex jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.
2. [...]
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 1a ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-fornituri tas-servizzi, tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Artikolu 16

Rapportar u rieżami

1. Sa jj/xx/ss [*tljet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*], u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Ir-rapport għandu jindirizza, inter alia, fid-dawl tal-iżviluppi soċjali u ekonomiċi, l-użu tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u fi żmien xieraq, l-informazzjoni meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tfassal rapport bħal dan.
4. Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-fehmiet tal-persuni b'diżabilità, tal-partijiet ekonomiċi kkonċernati u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilità.

Artikolu 17

[...]

Artikolu 18

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa jj/xx/ss [*fi żmien 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn *jj/xx/ss [fi żmien 48 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*.
3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

Artikolu 19

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

FORMAT TAL-KARD TAL-UE TAD-DIŻABILITÀ

IN-NAĦA TA' QUDDIEM test Kard Ewropea tad-Diżabilità bl-Ingliż u bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali.

IN-NAĦA TA' WARA Informazzjoni nazzjonali bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru emittenti. L-Istati Membri għandhom jitħallew jintroduċu informazzjoni addizzjonali u/jew aktar speċifika relatata mal-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità tad-detentur tal-kard, inkluż it-tip jew il-klassifikazzjoni tad-diżabilità, jew id-dritt li jkun akkumpanjat minn animal ta' assistenza.



1. Id-daqs tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità għandu jkun f'konformità mal-format ID-1 stipulat mill-ISO/IEC 7810.
2. [...]
3. Il-kard għandu jkollha:
 - ritratt tad-detentur tal-kard;
 - il-kunjom u l-isem tad-detentur tal-kard;
 - id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard;
 - in-numru tas-serje jew tal-fajl tal-kard.
4. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu ċar u skur, kif stabbilit fl-istampa u bir-referenzi:
 - Blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0
RGB 0, 68, 148
 - Blu ċar: CMYK 94, 63, 7, 1
RGB 0, 110, 183
5. Il-kard għandha tindika d-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tal-kard.
6. Il-kard għandu jkun fiha kodiċi tal-pajjiż biċ-ċirku blu madwarha.
7. L-ittri għandhom ikunu tat-tip ARIAL Regular jew fejn mhux possibbli b'tipa alternattiva Sans Serif. Għandu jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kuntrast bejn il-kuluri fuq quddiem u l-kuluri fl-isfond.

8. Il-kliem Kard tad-Diżabilità tal-UE għandu jintwera bl-użu tat-tipa Arial u bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg.
9. L-ittra fakultattiva "A" (+sinjal bil-braille) tista' tiżdied meta l-kard tintitola l-akkompanjament minn assistent(i) personali jew persuna(i) oħra ta' assistenza rikonoxxuti skont il-prattiki nazzjonali, jew minn annimali ta' assistenza. L-ittra "A" tista' tiżdied ukoll għal persuni b'diżabilitajiet bi ħtieġa akbar għal appoġġ, skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali.
10. Kodiċi QR, u possibbilment karatteristiċi diġitali oħra li jużaw mezzi elettroniki li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmijin fl-Artikolu 6(1).
11. L-entrati għandhom jintwerew bl-Ingliż u bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali tal-Istat Membru li joħroġ il-Karta Ewropea tad-Diżabilità. Jekk xi Stat Membru jixtieq jagħmel l-iskrizzjonijiet b'xi lingwa nazzjonali għajr waħda mil-lingwi li ġejjin: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, in-Netherlandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż, jew l-Iżvediż, dan għandu jiffurmola verżjoni tal-kard b'żewġ lingwi u għandu juża waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness. Jekk Stat Membru jixtieq jagħmel entrati bil-Bulgaru jew bil-Grieg, huwa għandu jfassal verżjoni bilingwi tal-kard bl-użu ta' karattri Latini.

KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

QUDDIEM

	<p>EUROPEAN PARKING CARD FOR PERSONS WITH DISABILITIES</p> <p>[NATIONAL LANGUAGE]</p>  
<input type="text" value="[national language]/Date of issuance:"/>	
<input type="text" value="[national language]/Expiry date:"/>	
<input type="text" value="[national language]/Card serial number:"/>	
<input type="text" value="[national language]/ Issuing authority/organisation:"/>	
<input type="text" value="[national language]/Vehicle plate number (optional):"/>	

WARA

<input type="text" value="[national language]/Surname:"/> <input type="text" value="[national language]/Forename:"/> <input type="text" value="[national language]/Date of birth:"/>	<p>This card entitles the holder to local parking conditions and facilities available in the Member State concerned.</p> <p>[national language]</p> <p>When in use, the card is to be displayed at the front of the vehicle in such a way that the front of the card is clearly visible for checking purposes.</p> <p>[national language]</p>
--	---

1. Id-daqs tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandu jkun:
 - għoli: 106 mm
 - wisa': 148 mm

2. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu skur u isfar, kif stabbilit fl-istampa ta' hawn fuq u bir-referenzi:
 - Blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0
RGB 0, 68, 148
 - Isfar: CMYK 94, 63, 7, 1
RGB 255, 237, 0

3. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinqasam vertikalment f'żewġ partijiet kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara.
 - (a) In-naħa tax-xellug ta' quddiem għandu jkun fiha:
 - is-simbolu tal-utent tas-siġġu tar-roti bi blu skur fuq sfond isfar;
 - id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tal-kard għall-parkeġġ;
 - in-numru tas-serje tal-kard għall-parkeġġ;
 - l-isem tal-awtorità/organizzazzjoni emittenti;
 - meta l-kard tkun assoċjata ma' vettura, in-numru tal-pjanċa tagħha għandu jkun viżibbli. Għall-Istati Membri li ma jeħtiġux li tiġi indikata l-pjanċa tan-numru, il-kard ma għandux ikun fiha l-qasam tad-data rilevanti.

(b) In-naħa tal-lemin ta' quddiem għandu jkun fiha:

- b'ittri kbar, il-kliem "Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità" bl-Ingliż u bil-lingwa/i nazzjonali tal-Istat Membru li joħroġ il-kard;
- bħala sfond, il-kodiċi ta' distinzjoni tal-Istat Membru li joħroġ il-kard għall-parkeġġ imdawwar biċ-ċirku ta' stilel li jissimbolizza l-Unjoni Ewropea.
- Kodiċi QR, u possibbilment karatteristiċi diġitali oħra li jużaw mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmijin fl-Artikolu 7(1).

(c) In-naħa tax-xellug tan-naħa ta' wara għandu jkun fiha:

- il-kunjom tad-detentur tal-kard;
- l-isem/ismijiet tad-detentur tal-kard;
- id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard;
- [...]
- [...]
- [...]
- [...]

(d) In-naħa tal-lemin ta' wara għandu jkun fiha bl-Ingliż u bil-lingwa/i nazzjonali tal-Istat Membru li jōhroġ il-kard:

- id-dikjarazzjoni: "Din il-kard tintitola lid-detentur għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ lokali u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat";
- id-dikjarazzjoni: "Meta tintuża, il-kard għandha titpoġġa fejn tidher fuq quddiem tal-vettura b'tali mod li l-parti ta' quddiem tal-kard tkun viżibbli b'mod ċar għall-finijiet ta' ċċekkjar".

4. L-entrati għandhom jintwerew bl-Ingliż u bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali tal-Istat Membru li jōhroġ il-kard għall-parkeġġ. Jekk xi Stat Membru jixtieq jagħmel l-iskrizzjonijiet b'xi lingwa nazzjonali għajr waħda mil-lingwi li ġejjin: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Frañċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, in-Netherlandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż, jew l-Iżvediż, dan għandu jiffirmola verżjoni tal-kard b'żewġ lingwi u għandu juża waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness. Jekk Stat Membru jixtieq jagħmel entrati bil-Bulgaru jew bil-Grieg, huwa għandu jfassal verżjoni bilingwi tal-kard bl-użu ta' [...] karattri Latini.

5. [...].